**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-seduta 265 tal-21 ta' Ottubru 2024 dwar rimarki oġġezzjonabbli waqt seduta parlamentari**

Is-Sedja ġiet infurmata dwar diżgwid li nqala' fil-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari tas-Seduta tal-15 ta' Ottubru 2024 bejn il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, l-Onor. Clint Camilleri u l-Onor. Alex Borg, meta l-Kamra kienet ippreseduta mid-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, peress li s-Sedja kienet imsiefra fuq safar parlamentari.

Dan id-diżgwid wassal għat-talba għal ruling saret mill-Onor. Alex Borg kif ġej:

> "**ONOR. ALEX BORG:** Sur President, nitlob ruling fuq dak li nqala' rigward il-mistoqsija li għamilt lill-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri. Nixtieq li s-Sedja tagħti direzzjoni kif ukoll li l-Ministru għal Għawdex jispeċifika l-isem jew inkella l-persuna li kien qed jirreferi għaliha bħala familjari li għandi fil-Qorti t'Għawdex preżentement."

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni tal-parti tas-seduta li dwarha nqala' dan id-diżgwid u tifhem li l-parti rilevanti hija meta l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar kien qiegħed iwieġeb mistoqsija supplimentari dwar il-Qorti ta' Għawdex, u nikkwota:

> "**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Grazzi lill-Onor. Borg li naħseb jew forsi ma jridx jifhem dak li weġibtu lbieraħ. Jien spjegajt diġà li hemm espressjoni ta' interess jiġifieri hemm procurement process, permezz ta' espressjoni ta' interess, għall-post sabiex tiġi housed din il-Qorti. Qiegħda f'idejn l-Aġenzija tal-Qorti, il-procurement process kulħadd jew forsi mhux kulħadd jaf kif ikun, però dwar liema huwa l-post, dak għadu qed jintgħażel u hemm il-procurement process għaddej jiġifieri waħda tikkontradixxi lill-oħra. L-Onor. Borg, fuq il-Qorti, naħseb li jista' jistaqsi daqsxejn lil dawk li jiġu minnu u jgħidulu wkoll x'hemm u x'ma hemmx."

Fuq point of order l-Onor. Alex Borg staqsa kif ġej:

**"ONOR. ALEX BORG:** Għal min qiegħed jirreferi, personali? Għandu jgħidli min huma n-nies personali li qed isemmi rigward il-Qorti? Le, m'għandux x'jaqsam mal-mistoqsija li staqsejtu. Sur President, nistenna direzzjoni mingħandek fuq din il-kwestjoni.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Il-Ministru Clint Camilleri. L-Onor. Borg qed jistaqsik jekk hux qiegħed tirreferi għal xi ħadd familjari tiegħu u qed nistenna ... (Interruzzjonijiet) Jekk jogħġbok, ixgħel il-microphone u weġibni.

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ma identifikajt lil ħadd, staqsejt mistoqsija. Grazzi. (Interruzzjonijiet)

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Onor. Ministru, inti użajt il-kelma "familjari".

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Familjari miegħu, fhimt?

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Familjari miegħu, kollox sew. Xi ħadd li jaf qed nifhmek li qed tgħid. (Interruzzjonijiet) Qed nifhem li qed jgħidlek xi ħadd li taf u mhux xi ħadd li jiġi minnek, jiġifieri familjari fis-sens you know mhux .... Fhimt l-ispirtu tal-Ministru. Ngħaddu għall-mistoqsija supplimentari li jmiss."

Dak kien dak li ntqal proprju fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2024. Is-Sedja tinnota li s-seduta kienet qiegħda tiġi ppreseduta mid-Deputy Speaker, u wara li rat it-traskrizzjoni, il-Ministru Clint Camilleri, meta mistoqsi b'mod ċar mid-Deputy Speaker sabiex jiċċara d-diskors li kien qiegħed joġġezzjona għalih l-Onor. Alex Borg, huwa spjega jew ta x'jifhem li ma kien qiegħed jirreferi għal ħadd partikolari li jiġi mill-Onor. Borg.

Is-Sedja xorta waħda tħoss li l-lingwaġġ indirizzat lill-Onor. Borg mill-Ministru Clint Camilleri, waqt li kien qiegħed jirrispondi mistoqsija parlamentari, l-intenzjoni tal-kelma "familjari" kif indirizzata lill-Onor. Alex Borg, ma huwa xejn feliċi u għalkemm wieħed ma jistax jasal li huwa kliem illi mhux aċċettabbli, u ċjoè li s-Sedja tista' tieħu pożizzjoni dwar unparliamentary language,

min-naħa l-oħra, Erskine May, fis-sezzjoni dwar General requirement for moderate language, jgħid illi:

> "Good temper and moderation are the characteristics of parliamentary language. Parliamentary language is never more desirable than when a Member is canvassing the opinions and conduct of their opponents in debate. The Speaker will accordingly intervene in such cases and will also intervene in respect of other abusive and insulting language of a nature likely to create disorder."

Dan huwa spjegat aktar fil-fond fil-pubblikazzjoni ta' *The History of Parliament* f'artiklu dwar 'Lies, Personalities and Unparliamentary Expressions' fis-sistema Ingliża, u nikkwota:

> "It is impossible to lay down any specific rules upon this point, or to declare beforehand what expressions are or are not contrary to order; so much depends upon the tone, and manner, and intention of the person speaking:–something upon the person to whom they are addressed, whether a minister in a responsible station, or a private Member not in office;–whether the words are meant to be applied to his public conduct, or to his private character;–the degree of provocation which the member speaking had received from the person he alludes to: all these considerations must be attended to at the moment, as they are infinitely various, and cannot possibly be foreseen in such a manner as that precise rules can be adopted with respect to them. When the speaker observes upon any expression as personal and disorderly, and tending to introduce heat and confusion, and this appears to be the general sense of the House, the member offending ought immediately to make an apology, and to ask pardon of the House for this breach of their order, in as large and liberal expression as possible, so as in such apology to comprehend the person of whom the words were used.".

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi, għalkemm is-Sedja tqis li l-każ huwa magħluq bl-ispjega li d-Deputy Speaker sema' mingħand il-Ministru Clint Camilleri fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2024 u għalhekk ma għandhiex xi żżid rigward din it-talba, min-naħa l-oħra, bħalma għamlet diversi drabi u tagħmel aktar illum, terġa' ttenni, kif ippreseduta, tappella sabiex l-imġiba tal-Onorevoli Membri

kollha f'din il-Kamra u f'kull waqt tkun dejjem waħda ta' rispett bejn il-Membri infushom u li tkun tagħmel ġieħ lil din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż f'din il-Kamra f'kull ħin.

Ir-ruling huwa deċiż.